## Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

### IL-PULIZIJA (SPETTUR NICHOLAS VELLA) V. CHRISTOPHER ZAMMIT (KI. 20483M)

### MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**14/02/2023**

IL-QORTI,

Rat l-imputazzjonijiet segwenti li nħarġu kontra l-imputat:

**BILLI int akkuzat** talli fis-17/06/2022 ghall habta ta`11.00a.m. fi Triq Aldo Moro, Marsa,

1). Soqt l-imsemmija vettura Nru.AHQ082 minghajr ma kellek licenzja tas-sewqan.(Sec.15(1)(a)(3) Chap.65).

(2). Waqt li kont qed issuq vettura Nru.AHQ082 kont qieghed izzomm u jew tuza b`idejk telefon cellulari jew xi apparat simili iehor li jinzamm fl-idejn fil-waqt li l-vettura kienet miexja. (Sec.115(2) LS.65.11)

Semgħet u rat ix-xhieda miġjuba quddiemha u ċioe ix-xhieda ta' PS 1043 J. Mallia (affidavit), PC 1552 E. Borg (affidavit) u Stephen Cachia għal Transport Malta (affidavit).

Semgħet it-trattazzjoni finali.

Rat l-atti proċesswali.

Qed tagħti din is-

**Sentenza**

Jirriżulta mill-affidavits tal-uffiċjali tal-Pulizija illi fid-data, ħin u lok indikati fil-komparixxi l-imputat kien qiegħed isuq trakk (ossia' *tractor unit*) tal-għamla DAF bin-numru ta' reġistrazzjoni AHQ 082 (liema trakk kien qed jiġbed *trailer*). Dan ix-xufier kien qiegħed ukoll jagħmel użu mit-telefon ċellulari waqt is-sewqan. Mill-*affidavit* ta' Stephen Cachia (Transport

Malta) ħareġ illi l-imputat ma' kellux il-liċenzja tas-sewqan fil-kategorija applikabbli sabiex wieħed isuq tali trakk u ċioe il-liċenzja fil-kategorija CE li skond l-Ewwel Skeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.18 tapplika għal vetturi fejn il-vettura li tiġbed tkun fil-kategorija C (i.e. vetturi minbarra dawk fil-kategoriji D1 jew D, li l-piż massimu awtorizzat tagħhom ikun iżjed minn 3,500 kg u li huma maħsuba u mibnija għall-ġarr ta' mhux aktar minn tmien passiġġieri minbarra s-sewwieq) u l-karru jew semikarru tagħha jkollu piż massimu awtorizzat ta' iżjed minn 750 kg. Mill-*Vehicle Details* report anness mal-affidavit tal-istess xhud irriżulta ukoll illi l-*Gross Vehicle Weight* tal-vettura kien dak ta' 40,000 kg. Għalhekk l-ewwel imputazzjoni tirriżulta sodisfaċjentement ippruvata.

Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni jirriżulta ukoll mill-affidavits taż-żewġ uffiċjali tal-Pulizija illi l-imputat kien qiegħed jagħmel użu mit-telefon ċellulari waqt is-sewqan.

Tajjeb jingħad illi matul is-seduta tal-14 ta' Frar 2023 l-abbli avukat difensur ressaq l-eċċezzjoni tan-*ne bis in idem* u dan għaliex fil-fehma tiegħu l-imputat kien diġa ġie misjub ħati quddiem il-Kummissarju għall-Ġustizzja talli fl-istess u ħin ikkommeta reat in konnessjoni mal-istess inċident. F'dan ir-rigward l-istess avukat difensur esebixa dokumenti li juru illi fit-8 ta' Lulju 2022 l-imputat kien ġie misjub ħati mill-Kummissarju għall-Ġustizzja talli fid-data, ħin u lok indikati f'din il-kawża huwa saq il-vettura in kwistjoni waqt li kien qed iżomm jew juża b'idejh telefon ċellulari u filfatt huwa ġie mmultat is-somma ta' mitt euro (€ 100) għal dan ir-reat. Fid-dawl ta' din l-eċċezzjoni l-Prosekuzzjoni rtirat it-tieni imputazzjoni waqt l-istess seduta. L-Avukat Difensur pero' sostna illi l-eċċezzjoni mressqa minnu tapplika ukoll għall-ewwel imputazzjoni peress illi fil-fehma tiegħu l-Prosekuzzjoni ma' setgħetx tispezzetta l-akkużi u tressaqhom quddiem fora differenti. Il-Qorti permezz ta' digriet mogħti *seduta stante* ċaħdet l-eċċezzjoni tan-*ne bis in idem* fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni u dan peress illi l-fatti ġuridiċi li l-imputat kien qed isuq vettura mingħajr liċenzja tas-sewqan u li kien qiegħed isuq l-istess vettura filwaqt li kien qiegħed juża t-telefon ċellulari huma differenti u materjalment distingwibbli minn xulxin anke jekk seħħew fl-istess kuntest t'azzjoni.

**Deċiżjoni**

**Għar-raġunijiet msemmija wara li rat l-artikolu relevanti tal-liġi ossia' l-Art. 15(1)(a) tal-Kap. 65, qed issib lill-imputat ħati tal-unika imputazzjoni li fadal kontra tiegħu u tikkundannah jħallas multa ta' tlett mitt euro (€300). B'żieda mal-piena l-Qorti**

**tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' tmient (8) ijiem (Kap. 65 Art. 15(3)).**

| | |
|---|---|
| **V.G. Axiak** | **Y.M. Pace** |
| **Maġistrat** | **Dep. Reġistratur** |